Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)
Magistrat Dottoressa Monica Vella LL.D.; M.Jur.

Il-Pulizija

Vs

Victor Bonavia

Seduta Distrett Mosta

Illum 21 ta' Gunju 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi prezentati mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**Victor Bonavia ta' 70 sena iben Grezzju u Pawla nee Xuereb imwieled in-Naxxar nhar it-2-09-1951 u resident gewwa 7, 'Victory' Triq Ganni Vella Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 769951M**

Akkuzat talli:

1. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex taghmel gwadann, jew bil-hsieb li ggieghel lil Victor Paul Borg biex jaghmel jew jonqos jew milli jaghmel xi haga, heddidt li takkuza jew li taghmel ilment kontra tieghu, jew biex timmalafama lill-istess Victor Paul Borg jew xi persuna ohra.[1]

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

[1] Fol. 1 tal-process.

Rat li fis-seduta tal-1 ta’ Marzu 2024 il-prosekuzzjoni strahet fuq il-provi u d-difiza ghamlet is-sottomissjonijiet finali taghha.[2]

Rat illi l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda kwerela li ghamel il-gurnalist Victor Paul Borg lill-Kummissarju tal-Pulizija wara li kien ircieva kumment fuq il-Facebook tieghu li jghid:

‘**Sur paul borg jaqbillek ma toqghodx tghir ghal haddiehor u toqghodx tirfes kallijiet ta haddiehor. erfa salibek. int ghandek hafna xi xxomm. lill haddiehor hallieh bi kwietu. il kwiet ibza minnu. halli lill kulhadd jaghmel xoghlu.**’[3]

Il-kwerelant hassu mhedded minn dan il-kliem ghax hu kien ghamel xi xoghol investigattiv li jirrigwada lis-suspettat u kien ippubblika storja fil-11 ta’ Gunju 2022 bit titolu ‘*Cattle farmer battles eviction from hay fields offered for sale for hundreds of thousands of euros*.’[4]

Il-pulizija baghtu ghas-suspettat, illum imputat odjern, fejn irrilaxxa stqarrija fejn hu ammetta li l-kumment ghamlu hu.

**Ikkunsidrat:**
**Provi**
Xehed **PS 826 Matthew Parnis** li spjega li fis-27 ta‘ Awwissu 2022 kien imsejjah mill-iSpettur Godwin Scerri fejn kien hemm prezenti Victor Bonavia li dan wara li inghata it-twissijiet skond il-ligi ikkonsulta ma‘ Dr. Daniel Buttigieg. Bonavia sussegwentement irrilaxxa stqarrija.[5]

Xehed **Victor Borg** nhar l-1 ta’ Dicembru 2023 fejn ikkonferma li hu gurnalist u li kien ghamel ir-rappurtagg fuq l-ghelieqi fejn saret triq bla

[2] Fol. 7 tal-process.
[3] Zbalji tal-kalligrafija tal-imputat u il-post huwa datat 12 ta’ Gunju 2022. Dok GS1 tal-process.
[4] Dok JS3 tal-process.
[5] Fol. 2 tal-process.

permess. Jghid li kien ircieva messagg mis-Sur Bonavia fejn kien jghid bazikament 'il-kwiet ibza' minnu, int ghandek hafna x'ixxomm etc etc.' Jghid li l-artijiet kienu tas-Sur Bonavia mill-investigazzjoinijiet li kien ghamel. Isostni li it-theddida mhix daqshekk serja u allura fl-opinjoni tieghu xi haga bhala obbligazzjoni jahseb li tkun misthoqqa.

Kontro-ezaminat jghid li minhabba x-xoghol tieghu kull messagg ta' dak it-tip thoss certa intimindazzjoni, pero' bhala kategorija tal-messagg ma kienx daqshekk serju. Hu hass pero' li ma jhallihx ghaddej. Ma hassux jibza'.[6]

Xehed l-i**Spettur Godwin Scerri** nhar l-1 ta' Marzu 2024 fejn spjega kif ircieva l-ilment tal-kwerelant u li baghat ghas-suspettat Victor Borg. Hu ikkonferma l-istqarrija maghmula mill-imputat.[7]

**Ikkunsidrat:**

**Minghajr dubbju l-kumment ta' imputat huwa wiehed li meta jarah b'mod oggettiv u fil-kuntest li wiehed inkiteb maghdud ukoll ghal-persuna li ircevieh, ossija gurnalist investigattiv hu wiehed ta' theddid[8]. Bonavia kellu interess dirett f'dak li Borg kien qed jinvestiga u jirraporta u kellu ukoll kull interess li jipprova jintimidah biex ma jkomplix jinvestiga u jikteb fuqu.**

Ir-Registru tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kiteb is-segwenti ftit tax-xhur ilu:

'**The Court considers that genuine and effective exercise of freedom of expression does not depend merely on the State's duty to interfere, but may require positive measures of protection, even in the sphere of relations between individuals......In cases of crimes committed against journalists, it is of utmost importance for**

---

[6] Fol. 4 tal-process.
[7] Dok GS2 a fol. 4 tal-process.
[8] Ara ukoll f' dan is-sens **Il-Pulizija vs Mark Camilleri** (Appell Nru. 189/2015) deciz mill-Qorti tal-Appel Kriminali nhar it- 28 ta' Marzu 2019 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera pagan 10. Hawn pero' il-kwistjoni kienet fuq malafama mhux fuq theddid.

**authorities to check a possible connection between the crime and the journalist's professional activity**.'[9]

Il-kwerelant ghamel sewwa li ghalkemm hu ma hassux li bhala kumment kien wiehed gravi ma hallihx jghaddi u mar jirrapurtah. Ghamlu sew ukoll il-pulizija li mhux biss investigaw l-agir tas-suspettat izda ukoll resquh quddiem dawn il-Qrati.

Il-Qorti bl-ebda mod mhu ha taccetta li individwu jew idividwi jintimidaw u jheddu lil hadd, specjalment gurnalist li jkun qed jaghmel xogholu. L-istituzzjonijiet ghandhom id-dover li jipprotegu lic-cittadin, mhux lanqas li jipprotegu il-gurnalist. Kulhadd ghandu dritt li jahdem f'ambjent seren mhux lanqas kull persuna li tkun ghazlet il-professjoni ta' gurnalist. Dawn il-Qrati, kif ghandhom ikunu t-tarka ta' kull min ifittex gustizzja, ghandhom ikunu wkoll it-tarka ghal kull gurnalist kontra min jipprova jintimidah, ibezzghu u jagixxi kontrih waqt l-ezecizzju tal-professjoni tieghu.. Jekk xi hadd jahseb li dak li jikteb gurnalist mhux korrett u malafamanti allura ghandu ifittex ir-rimedji li taghti l-ligi u mhux jiehu l-ligi b'idejh, fil-kaz in ezami jinfexx f'theddid.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat taht l-arikolu 49(b) tal-Kap 399 Att biex jirregola Komunikazzjoni Elettronici li jaqra s-segwenti:

*Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika-*

*(b) bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew* ***bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jhedded li jakkuza jew jaghmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra****;*

Fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur Michael Vella) vs Joseph Camenzuli** App. Nru. 429/2021 deciza fil-15 ta' Frar 2022 mill-Qorti tal-Appell

[9] Key Theme- **Article 10- Positive Obligations of the State to protect journalists and journalistic activities. Last updated 31/08/2023**.

Kriminali per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera fuq cirkostanzi simili ghal dawk odjerni intqal:

**'F'dawn il-proceduri din il-Qorti m'ghandhiex xi kaz fejn l-appellant ghamel biss xi kumment malafamanti li huwa miftuh ghall-interpretazzjoni. Il-kumment li l-appellant ammetta li tella' hu stess fuq is-sit socjali Facebook jidher li hu kumment car u jirrifletti rabja da parte l-appellanti. Mhux skuza li l-appellanti kitbu fis-sahna tal-mument......Fil-kawza Il-Pulizija vs Francis Frendo il-Qorti qieset it-tifsira tal-kelma theddid u nterpretat il-kelma theddid bhala biza t'aggressjoni futura....'**[10]

**Din il-Qorti taqbel perfettement ma dak hawn fuq espress u irrapurtat u taghmlu taghha u ghalhekk ser tkun qed issib htija fl-imputat.**

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-piena li ghandha tigi erogata fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tqis li ghandha tikkounsidra s-segwenti fatturi:

1. L-eta' tal-imputat;
2. Il-fatt li hu ma skuzax ruhu jew irtira dak li kiteb;
3. Il-fatt li l-kwerelant hass li din ma kienitx theddida daqstant serja u li talab biss obbligazzjoni;
4. Ir-rwol important f'socjeta' dekokratika tal-guranlist;
5. Li l-attakki fuq il-mezzi socjali qed jizdiedu;
6. L-aspett preventiv tal-piena u dan biex iservi ukoll ta' deterrent;
7. Il-multa massima prevista mil-ligi hija ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000).

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikolu 49(b) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Victor Bonavia HATI tal-akkuza** migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tlett elef u hames mitt Ewro (Ewro3,500) li tista'

[10] Pagna 19 u 20 tas-sentenza.

tithallas f'rati mensili ta' tlett mitt Ewro (€300) fix-xahar, f'rati mensili u konsekuttivi bl-ewwel pagament ikun dovut u ghandu jithallas sat-31 ta' Lulju 2024, u liema rata mensili tibqa' hekk tithallas sal-ahhar ta' kull xahar,  altriment konvertibbli fi prigunerija skond il-ligi.

Inoltre ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qeghda torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elfejn Ewro (Ewro 2,000) ghal zmien sena mil-lum a favur tal-kwerelant Victor Borg u dan sabiex ma jdejjaqx, ma jikkomunikax ma' jew b'xi mod jimmolesta jew javvicina lil Victor Borg ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat b'mod semplici u car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi ta' l-istess u x'jigri f'kaz li huwa ma jonorax l-istess..

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.
Magistrat

Annalise Mifsud
Deputat Registratur.